MALTA

# QORTI KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta ta' l-10 ta' Jannar, 2011

Numru 11/2009

**Ir-Repubblika ta' Malta**
**Vs**
**Emad Ibrahim M. Wadi**

Il-Qorti,

Rat l-Att tal-Akkuza numru 11 tas-sena 2009 kontra l-akkuzat Emad Ibrahim M. Wadi li bih huwa gie akkuzat talli:

1. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fl-Ewwel Kap illi fis-26 ta' Gunju elfejn u sebgha (2007) u fiz-zmien ta' qabel din id-data f'Malta u barra minn Malta, l-akkuzati Haithem Swissi u Emad Ibrahim M Wadi ddecidew illi jibdew imexxu u jittraffikaw illegalment fid-droga (herojina) f'Malta. Illi ghal dan il-ghan huma ftehmu bejniethom li jgiebu d-droga (herojina) illegalment gewwa Malta, ftehmu fuq id-data, r-rotta ta' l-ajru u l-mezz kif kienu sa jimportaw id-droga (herojina) mohbija f'qiegh falz ta' bagalja. Illi fis-26 ta' Gunju 2007 giet importata f'Malta illegalment kwantita' kbira ta' droga (herojina)

ta kwazi tmien mitt gramma mill- akkuzati Haithem Swissi u Emad Ibrahim M Wadi. Din id-droga kienet intiza biex tigi kkonsenjata mill-akkuzati ghand persuni ohra gewwa Malta biex tigi ttrafikata f'Malta bi proffit kbir. Fortunatament din il- kunsinna kbira ta' droga (herojina) giet maqbuda minn membri tal-Korp tal-Pulizija mal-wasla taghha f'Malta gewwa l-ajruport ta' Malta. Illi wara l-arrest gewwa l-ajruport ta' Malta ta' Haithem Swissi li kien importa illegalment din id-droga, l-akkuzat Emad Ibrahim M Wadi li gie Malta flimkien ma' Haithem Swissi fl-istess titjira sabiex jikkonsenja illegalment din id-droga (herojina) infired minn ma Haithem Swissi gewwa l-ajruport u lahaq harab, izda fortunatament il-membri tal-Korp tal-Pulizija arrestawh dak in-nhar stess fil-ghaxija meta Emad Ibrahim M Wadi kien qieghed jipprova jiltaq minn Malta lura lejn il-Libja fuq titjira ohra. Din id-droga (herojina) ghandha valur ta 'l fuq minn sitta u hamsin elf, sitt mija w erbgha u sebghin ewro (€ 56,674) ekwivalenti ghall erbgha u ghoxrin elf, tlett mija u tlieta u ghoxrin lira Maltin (Lm 24,323).

Illi biex isehh dan il-pjan mahsub minn qabel li din id-droga (herojina) importata illegalment minn Haithem Swissi u Emad Ibrahim M Wadi tigi kkunsinnata gewwa Malta bi skop li jitraffikawha, fil-gimghat u z-zmien ta' qabel din id-data, Haithem Swissi u Emad Ibrahim M Wadi xjentement assocjaw ruhom bejniethom u ma persuni ohra barra minn Malta u gewwa Malta u wara li assocjaw ruhhom ftehmu u ikkumbinaw il-mezzi li bihom kellhom jimxu fl-esekuzzjoni ta' dan il-pjan miftiehem bis-skop li l-istess droga tigi mibjugha fis-suq lokali.

Fortunatament minhabba intercezzjonijiet minn membri tal-Korp tal- Pulizija, Haithem Swissi u Emad Ibrahim M Wadi gew mikxufa nhar is- 26 ta' Gunju elfejn u sebgha (2007).

Id-droga herojina hija msemmija fit-Taqsima I ta' l-Ewwel Skeda li tinsab ma' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kapitolu 101 tal- Ligijiet ta' Malta.

Illi b'ghemilhom, l-imsemmija Haithem Swissi u Emad Ibrahim M Wadi saru hatja talli assocjaw ruhom ma' xi persuna jew persuni ohra f'Malta jew barra minn Malta sabiex ibieghu jew jittraffikaw medicina (herojina) f'dawn il-Gzejjer kontra d-dispozizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar il- Medicini Perikoluzi (Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta) jew ippromowovaw, ikkostitwixxew, organizzaw jew iffinanzjaw din l-assocjazzjoni.

Ghaldaqstant l-Avukat Generali f'isem ir-Repubblika ta' Malta akkuza lill-imsemmi Haithem Swissi u Emad Ibrahim M Wadi hatja talli assocjaw ruhom ma' xi persuna jew persuni ohra barra minn dawn il- Gzejjer jew f'dawn il-Gzejjer sabiex ibighu jew jittraffikaw medicina f'dawn il-Gzejjer (herojina) kontra d-dispozizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta) jew ippromovaw, ikkostitwixxew, organizzaw jew iffinanzjaw l-assocjazzjoni; talab illi jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmija akkuzati u illi huma jigu kkundannati ghall-piena ta' prigunerija ghal ghomorhom u multa ta' mhux inqas minn inqas minn elfejn u tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) izda mhux izjed minn mija u sittax-il elf, erba' mija u tmienja u sittin euro u sebgha u sittin centezmu (€116,468.67) u l-konfiska favur il-Gvern tal-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta' kull flejjes jew propjeta' mobbli ohra tal-persuni hekk misjuba hatjin skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 9, 10(1), 12, 22(1)(a)(d)(f) (1A) (1B) (2)(a)(i) (3A)(a)(b)(c)(d), 26, 30 u 30A ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta) u l-artikoli 23, 23A, 23B, 23C u 533 tal-Kodici Kriminali (Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta) jew ghal kull piena ohra li tista' skond il- ligi tinghata ghall-htija tal-imsemmi akkuzat.

2. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fit-Tieni Kap illi f'xi zmien qabel u dak in-nhar tas-26 ta' Lulju elfejn u sebgha (2007) l-akkuzati Haithem Swissi u Emad Ibrahim M Wadi ltaqghu ma' persuni ohra u sar ftehim sabiex l-

akkuzati jimportaw klandestinament f'Malta kwantita' kbira tad- droga (herojina) sabiex ibieghu u tigi ttrafikawha f'Malta. Di fatti huma ftehemu li jigu lejn Malta mill-Libja b'bagalja bid-droga (herojina) mohbija f'qiegh falz.

In esekuzzjoni ta' dan il-pjan mahsub minn qabel, fis-26 ta' Lulju ta' dik is-sena (2007), Haithem Swissi u Emad Ibrahim M Wadi xtraw biljetti ta' l-ajru flimkien lejn Malta u dak in-nhar stess li xtrawhom telqu mill- Libja u waslu Malta flimkien fuq titjira KM 695 bid-droga (herojina) xjentement mohbija fil-qiegh falz ta' bagalja. Kif dan l-ajruplan wasal Malta, u l-akkuzati nizlu l-art, huma u ghaddejin mill-Ajruport Internazzjonali ta' Malta, Ufficjali tad-Dwana stazzjonati hemmhekk waqqfu lil Haithem Swissi u, waqt *search* kondott fuq hwejjgu, instabu fl-imsemmija bagalja kwazi tmien mitt gramma tad-droga (herojina), liema droga ghandha valur ta 'l fuq minn sitta u hamsin elf, sitt mija u erbgha u sebghin ewro (€ 56,674) ekwivalenti ghall erbgha u ghoxrin elf, tlett mija u tlieta u ghoxrin lira Maltin (Lm 24,323). Sadanitant l- akkuzat Emad Ibrahim M Wadi kien infired minn ma Haithem Swissi u lahaq harab minn gewwa l-ajurport izda fortunatament gie intercettat minn membri tal-Korp tal-Pulizija dak in-nhar stess filghaxija meta prova jitlaq minn Malta lura lejn il-Libja gewwa l-ajruport stess.

Illi ma kien hemm ebda licenzja jew awtorizzazzjoni mahruga taht l- Ordinanza dwar Medicni Perikoluzi li tawtorizza l-importazzjoni tad- droga perikoluza msemmija.

Id-droga herojina hija msemmija fit-Taqsima I ta' l-Ewwel Skeda li tinsab ma' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kapitolu 101 tal- Ligijiet ta' Malta.

Illi b'ghemilhom l-imsemmija Haithem Swissi u Emad Ibrahim M Wadi saru hatja talli importaw, gieghlu li tigi importata jew ghamlu xi haga biex tkun tista' tigi importata medicina perikoluza (herojina) f'Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini

Perikoluzi (Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta), u cioe’ meta ma kellux awtorizzazzjoni ta’ importazzjoni valida.

Ghaldaqstant l-Avukat Generali f’isem ir-Repubblika ta’ Malta akkuza lill-imsemmija Haithem Swissi u Emad Ibrahim M Wadi talli importaw, gieghlu li tigi importata jew ghamlu xi haga biex tkun tista’ tigi importata medicina perikoluza (herojina) f’Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet ta’ l- Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta), u cioe’ meta ma kellux awtorizzazzjoni ta’ importazzjoni valida; talab illi jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmija akkuzat illi jigi kkundanat ghall-piena ta’ prigunerija ghal ghomru u multa ta’ mhux inqas minn inqas minn elfejn u tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) izda mhux izjed minn mija u sittax-il elf, erba’ mija u tmienja u sittin ewro u sebgha u sittin centezmu (€116,468.67) u l-konfiska favor il-Gvern ta’ l-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favor il-gvern ta’ kull flejjes jew propjeta’ mobbli u immobbli ohra tal-persuna hekk misjuba hatja skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 2, 9, 10(1), 12, 14, 15, 15A, 20, 22(1)(a)(1B)(2)(a)(i)(3A)(a)(b)(c)(d), 25, 26, 30 u 30A ta’ l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi u fl-artikoli 23, 23A, 23B, 23C u 533 tal- Kodici Kriminali jew ghal kull piena ohra li tista’ skond il-ligi tinghata ghall-htija ta’ l-imsemmi akkuzat.

3. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fit-Tielet Kap illi fiz-zmien u fic- cirkostanzi ndikati fl-ewwel u fit-tieni kap ta’ dan l-att ta’ l-akkuza, u cioe’ fis-26 ta’ Gunju tas-sena elfejn u sebgha (2007) Haithem Swissi wasal Malta u kellu fil-pussess tieghu illegalment ammont kbir ta’ kwazi tmien mitt gramma droga (herojina) li ma kienitx ghal uzu esklussiv tieghu u liema sustanza ghandha valur ta’ l-fuq minn sitta u hamsin elf, sitt mija u erbgha u disghin ewro (€ 56,674) ekwivalenti ghall erbgha u ghoxrin elf, tlett mija u tlieta u ghoxrin lira Maltin (Lm 24,323). Din id- droga kienet intiza biex tigi kkonsenjata mill-akkuzat ghand persuni ohra gewwa Malta biex tigi ttrafikata f’Malta bi proffit kbir. L-akkuzat qatt ma ghamel uzu jew abbuza mid-droga herojina.

Id-droga herojina hija msemmija fit-Taqsima I ta' l-Ewwel Skeda li tinsab ma' l-Ordinanza dwar il-Medicni Perikoluzi, Kapitolu 101 tal- Ligijiet ta' Malta.

Illi b'ghemilu, l-imsemmi Haithem Swissi sar hati talli, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi, u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, kellu fil-pussess tieghu d-droga herojina meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall- importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal- Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI ta' l-Ordinanza dwar il- Medicini Perikoluzi, u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija, u ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja moghtija mill-Ministru responsabbli, u ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja moghtija mill-Ministru responsabbli ghad-Dipartiment tas-Sahha u ma kienx awtorizzat bir-Regoli ta' l-1939 ghall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikoluzi jew b'xi awtorita' moghtija mill-Ministru responsabbli ghad-Dipartiment tas-Sahha li jkollu dik id- droga fil-pussess tieghu, u dik id-droga ma gietx fornita lilu ghall-uzu tieghu skond ricetta kif provdut fir-Regoli msemmija, u b'dan li r-reat sar taht tali cirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tieghu.

Ghaldaqstant l-Avukat Generali f'isem ir-Repubblika ta' Malta akkuza lill-imsemmi Haithem Swissi talli kellu fil-pussess tieghu d-droga herojina meta ma kienx fil-pussess ta'awtorizzazzjoni ghall- importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI ta' l-Ordinanza dwar il- Medicini Perikoluzi, u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija, u ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja moghtija mill-Ministru responsabbli ghad- Dipartiment tas-Sahha li jkollu dik id-droga fil-pussess tieghu, u dik id- droga ma gietx fornita lilu ghall-uzu tieghu skond ricetta kif provdut fir-Regoli msemmija, u b'dan li r-reat sar taht tali

cirkostanzi li juru li dak il- pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tieghu; talab illi jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmija akkuzat u illi jigi kkundanat ghall-piena ta' priguneriija ghal ghomru u multa ta' mhux inqas minn inqas minn elfejn u tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) izda mhux izjed minn mija u sittax-il elf, erba' mija u tmienja u sittin euro u sebgha u sittin centezmu (€116,468.67) u l-konfiska favor il-Gvern ta' l-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l- konfiska favur il-Gvern ta' kull flejjes jew propjeta' mobbli u immobbli ohra tal-persuna hekk misjuba hatja skond dak li hemm u jinqtal fl- artikoli 2, 9, 10(1), 12, 14, 15, 15A, 20, 22(1)(a)(2)(a)(i)(3A)(a)(b)(c)(d), 26, 30 u 30A ta' l-Ordinanza dwar il-Medicni Perikoluzi u r-regola 4, 8 u 9 tar-Regoli ta' l-1939 ghall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikoluzi (Notifikazzjoni tal-Gvern 292 ta' l-1939) u fl-artikoli 23, 23A, 23B, 23C u 533 tal-Kodici Kriminali jew ghal kull piena ohra li tista' skond il-ligi tinghata ghall-htija ta' l-imsemmi akkuzat.

Rat l-atti kollha processwali, inkluzi l-atti tal-kumpilazzjoni.

Rat id-digriet taghha tat-30 ta' Dicembru, 2010, li bih ordnat is-separazzjoni tal-gudizzju bejn dak tal-hati w tal-ko-akkuzat Haithem Swissi.

Rat illi waqt is-seduta tal-lum, l-akkuzat, mistoqsi jekk huwiex hati skond l-Att tal-Akkuza, wiegeb billi stqarr li huwa kien hati tar-reati hemm dedotti kontra tieghu;

Rat illi wara li l-Qorti wissiet lill-akkuzat b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' din it-twegiba w taghtu ftit taz-zmien biex jerga' lura minnha, kif obbligata li taghmel skond l-artikolu 453 (1) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-akkuzat baqa' jtenni t-twegiba li huwa kien hati.

Tiddikjara ghalhekk lil Emad Ibrahim M. Wadi hati talli
1. fis-26 ta' Gunju, 2007 u fiz-zmien ta' qabel din id-data f'Malta w barra minn Malta assocja ruhu ma' xi persuna jew persuni ohra barra minn dawn il-Gzejjer jew f'dawn il-Gzejjer sabiex ibiegh jew jittraffika medicina

f'dawn il-Gzejjer (herojina) kontra d-dispozizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta) jew ippromova, ikkostitwixxa, organizza jew iffinanzja l-assocjazzjoni;w dana skond l-Ewwel Kap ta' l-Att ta' l-Akkuza;
2. fis-26 ta' Gunju, 2007 importa, gieghel li tigi importata jew ghamel xi haga biex tkun tista' tigi importata medicina perikoluza (herojina) f'Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta), u cioe' meta ma kellux awtorizzazzjoni ta' importazzjoni valida, w dana skond it-Tieni Kap ta' l-Att ta' l-Akkuza;

Rat il-fedina penali aggornata tal-hati esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti w ezaminata mid-difiza.
Qieset is-sottomissjonijiet tal-abbli prosekutur Dr. Nadine Sant li jinsabu kollha registrati w senjatament, is-segwenti :-
Illi avolja l-akkuzat odjern kien originarjament ko-akkuzat ma Haithem Swissi, z-zewg kazijiet ma kellhomx jitqiesu bhala simili. Dana l-ghaliex hemm diversi cirkostanzi fil-kaz ta' Swissi li ma japplikawx ghal kaz ta' Wadi. Jibda biex jinghad illi Swissi rrinunzja ghad-dritt tal-appell, haga li s'issa l-akkuzat odjern ma ghamilx. Apparti dan, Swissi ghamel rikors konguntiv mal-Avukat Generali, liema rikors kien ibbazat fuq l-artikolu 29 tal-Kap. 101. Veru illi l-Qorti mihiex obbligata li tnizzel ir-ragunijiet il-ghala l-Avukat Generali wasal ghall-patteggjament, pero' l-Qorti trid tiehu dan in konsiderazzjoni. F'dan il-kaz Wadi m'ghandux il-beneficcju tal-artikolu 29 tal-Kap. 101 u ghalhekk ma jistax jibbenefika minn nuqqas tal-gradi stabbiliti mill-ligi. Veru wkoll illi hemm l-assorbiment tar-reati kemm fil-kaz ta' Swissi kif ukoll f'Wadi pero' l-Qorti m'ghandix tinsa illi "ring leader" f'dan il-kaz kien l-akkuzat odjern Wadi u mhux Swissi. Wadi huwa aktar perikoluz minn Swissi. Fl-istqarrija tieghu Wadi semma lill-kuginuh li jghix u jahdem Malta. Rrizulta li din il-persuna wkoll akkuzata b'cirku ta' importazzjoni ta' eroina minn pajjizi Gharab. Legalment l-ammissjoni ta' Swissi ma kienitx wahda bikrija, avolja dan kien ahjar milli sar il-guri shih.

L-abbli prosekutur semmiet sensiela ta’ sentenzi biex turi li ma jkunx gust jekk il-Qorti tinghata piena anqas minn dik ta’ Swissi.
F’kazijiet ohra ta’ importazzjoni ta’ droga, assocjazzjoni jew traffikar, il-medja hija dik ta’ tnax il-sena w il-Qorti trid izzomm din il-medja meta tigi biex taghti s-sentenza taghha fil-konfront tal-akkuzat odjern Emad Ibrahim Wadi.

Qieset dak li qal l-abbli difensur Dr. Joseph Mifsud, u cioe’ :-
Illi l-gustizzja m’ghandhix biss issir imma trid tidher illi qed issir. Dan mhux biss kaz simili ghal dak ta’ Swissi imma kaz identiku.
Kien l-Avukat Generali stess, ghar-ragunijiet li jaf hu, illi ftiehem ma’ Swissi li tinghata piena karcerarja ta’ tmien snin u issa bl-istess argument l-Avukat Generali qed jitlob li l-akkuzat Wadi jigi diskriminat bi pregudizzju ghad-drittijiet tieghu fejn avolja l-affarijiet huma kollha l-istess qed jinsisti li tinghata piena karcerarja ghola minn dik ta’ Swissi. Dana meta gie ppruvat illi Swissi ha gurament falz peress li l-istqarrija tieghu giet debitament guramentata li fiha nnega illi kellu x’jaqsam mad-droga, pero’ quddiem din il-Qorti sar patteggjament mal-Avukat Generali fejn dik ic-cahda saret konferma w b’hekk giddeb l-istess dikjarazzjoni guramentata illi kien ghamel qabel.
L-akkuzat odjern Wadi m’ghandux dik ir-responsabbilita’ fuq spallejh u hadd ma jista’ jakkuzah illi ha xi gurament falz.
F’dan l-istadju ma nistghux inkunu certi dwar il-provi illi kellha l-prosekuzzjoni u sa fejn kienu se jwasslu u ma nistghux naslu ghal xi konkluzzjoni li x-xiehda ta’ Swissi kienet ser tkun tali illi se torbot il-htija fuq l-akkuzat Wadi.
Il-Qorti trid tikkonsidra wkoll illi qabel ma ammetta, Swissi kien ko-akkuzat u kwindi x-xiehda tieghu kellha tittiehed fil-parametri ta’ xiehda ta’ ko-akkuzat illi l-ligi timponi fuq il-gudikant illi javza lill-gurati.
Huwa inutili illi jsir paragun ma’ sentenzi ohra illi nghataw minn dawn il-Qrati. Il-paragun irid isir mal-kaz ta’ Swissi ghax dak hu l-istess u identiku mal-kaz odjern. Il-kazijiet l-ohra kollha ghandhom ic-cirkostanzi differenti u ma jistghux jigu applikati ma’ dan il-kaz.

Swissi spergura lilu nnifsu meta ammetta l-akkuzi fil-konfront tieghu, izda Wadi qatt ma ghamel dan. Terga, Wadi qatt ma talab il-beneficcju tal-helsien mill-arrest u ilu kwazi erba' snin arrestat. Veru illi Swissi talabha w ma nghatax ghal xi raguni ma wasalx ghal kundizzjonijiet imposti fuqu.
Hu ormai principju stabbilit mill-gurisprudenza illi meta jkun hemm zewg akkuzati wiehed jammetti u l-iehor le, dak illi ma jammettix m'ghandux jinghata piena hafna ghola minn dak li jkun ammetta.
Kulhadd hu responsabbli ghal ghemilu u akkuzat m'ghandux ikun pregudikat ghax uza d-drittijiet tieghu illi jghaddi process legali u l-iehor ikun iddecieda li jammetti mall-ewwel.
Fl-ahhar il-Qorti trid tiehu in konsiderazzjoni l-fatt illi l-akkuzat odjern Wadi ghandu kap inqas minn dak ta' Swissi.
L-akkuza ta' pussess ta' droga muhix jaggrava l-kaz ta' l-akkuzat odjern.
Mill-bqija kollox hu l-istess.
Fis-sentenza taghha ta' din il-Qorti tal-5 ta' Jannar 2011 ma jissemma xejn dwar l-artikolu 29 tal-Kap. 101 u l-anqas fin-nota ta' patteggjament bejn l-Avukat Generali u l-akkuzat Swissi. Jekk kien hemm xi ftiehem bejn id-difiza w l-Avukat Generali dan m'ghandux jirrifletti fuq id-drittijiet tal-akkuzat odjern u fuq kollox m'ghandux isir preferenzi bejn akkuzat u iehor.
Fl-ahhar talab illi l-akkuzat odjern Wadi ma kellux jigi trattat differenti minn Swissi u jekk dan inghata terminu ta' piena karcerarja fuq tlett kapi tal-Att tal-Akkuza, l-akkuzat odjern Wadi kellu jinghata piena anqas fuq zewg kapi ta' akkuzi.

Ikkunsidrat;

Illi r-reati taht iz-zewg kapi tal-att ta' l-akkuza, ghall-fini tal-piena, huma assorbiti fir-reat taht it-tieni kap stante li servew bhala mezz ghall-fini biex seta' jigi kommess ir-reat ta' importazzjoni taht dan it-tieni kap a tenur tal-artikolu 17 (h) tal-Kodici Kriminali, (ara **"Ir-Repubblika ta' Malta vs. Mansour Muftah Nagem"** [31.10.2002] , **"Ir-**

**Repubblika ta' Malta vs. Hasan Omar Ibrahim Farag"** [15.5.2003] u ohrajn).

Filwaqt li tifhem l-argumenti tal-Avukat Generali, tifhem il-preokkupazzjoni tad-difiza li jinzamm proporzjon mas-sentenza ta’ Haithem Swissi li trattat l-istess meritu fl-istess data u cirkostanzi.
Ghelhekk il-Qorti rat din is-sentenza li inghatat fil- 5 ta’ Jannar, 2011 fejn, fuq ammissjoni ta’ tlett kapi ta’ akkuza Swissi inghata 8 snin habs u multa ta’ €23,000. F’dan il-kaz, Wadi ammetta fl-istess stadju tal-proceduri u cioe’ qabel ma ssejhu l-gurati u l-ammissjoni tieghu tkopri zewg kapi ta’ akkuzi dik tal-assocjazzjoni u importazzjoni waqt li Swissi kellu akkuza ohra ta’ pussess, akkuza li Wadi mhux addebitat biha. Fiz-zewg kazi hemm ukoll l-assorbiment tal-reati f’dak ta’ Swissi fil-reat ta’ pussess waqt li f’dan il-kaz fir-reat ta’ importazzjoni. Importanati ghalhekk li tinzamm ir-relattivita’ bejn iz-zewg kazi.

Huma mmaterjali r-gunijiet l-ghala Swissi inghata l-beneficcju ta’ patteggjament. Il-ligi tawtorizzaha u hadd ma jista’ jigi censurat talli uza d-drittijiet legali tieghu. Jista’ jkun li l-Avukat Generali kellu f’mohhu l-artikolu 29 meta wasal fi ftehim mad-difiza – ma hemm xejn hazin f’dan, pero’ l-fatt jibqa’ li Swissi inghata terminu determinat ta’ karcerazzjoni u hu dak it-terminu li ghandu jigi kunsidrat u mhux ir-ragunijiet tal-Avukat Generali ghal adersjoni tieghu.

La darba Emad Ibrahim Wadi ghandu akkuza anqas minn dak ta’ Swissi din ghandha tigi riflessa fil-piena biex il-gudizzju jkun gust u ekwu fil-konfront tal-akkuzat odjern Emad Ibrahim Wadi.

Illi fi sforz biex kemm jista’ jkun izzomm relativita’ ma’ sentenzi ohra taghha wara ammissjoni fejn il-kwalita’ tad-droga kienet l-istess u fejn il-kwantita’ taghha kienet piu o meno simili w ma kienx applikabbli l-artikolu 29, il-Qorti thoss li l-piena f’dan il-kaz ghandha tkun ikkalibrata fuq il-bazi tas-sentenzi l-ohra taghha fl-isfond tal-kunsiderazzjonijiet fuq imsemmija.

Wara li qieset dan kollu, w wara li rat l-artikoli 2, 9, 10(1), 12, 14(1)(5), 15, 15A, 20, 22(1)(a)(d)(f)(1A)(1B)(2)(a)(b)(i)(ii)(aa)(bb)(3A)(a)(b)(c)(d), 22(f) u 26(1)(2), 30 u 30A tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101) u r-regola 8 tar-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tal-Medicini Perikoluzi (G.N. 292/39) u fl-Artikoli 17(b), 17(h), 20, 22, 23, 23A, 23B, 23C u 533 tal-Kodici Kriminali, tikkundanna lill-hati Emad Ibrahim M. Wadi ghall-piena ta' seba' (7) snin prigunerija, w ghall-multa komplessiva ta' tlieta w ghoxrin elf Ewro (€23,000) li jekk ma tithallas puntwalment, tigi konvertita f' terminu ta' sena prigunerija kif ukoll li jhallas is-somma ta' disa' mija w seba' w ghoxrin Euros u seba' w ghoxrin Euro centezmi (€927.27) import ta' l-ispejjez tal-perizji inkorsi f'dan il-process.

Tordna wkoll il-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta ta' kull flejjes jew proprjeta' mobbli w immobbli ohra tal-hati;

Tordna wkoll li jekk l-ispejjez tal-perizji ma jithallsux fi zmien hmistax il-jum mil-lum, jigu konvertiti f' terminu ta' prigunerija skond il-ligi.

Finalment, sakemm l-Avukat Generali ma jindikax b'nota - li ghandha tigi prezentata fi zmien hmistax il-jum mil-lum - li d-droga esebita hija mehtiega in konnessjoni ma xi proceduri kriminali kontra terzi persuni, tordna li d-droga kollha esebita w l-affarijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha jigu distrutti a kura tal-ispizjar Mario Mifsud u taht is-sorveljanza diretta tad-Deputat Registratur ta' din il-Qorti, li ghandu jaghmel verbal ta' tali distruzzjoni w jgibu a konjizzjoni ta' din il-Qorti b'nota appozita li kopja taghha tigi notifikata lill-Avukat Generali w lill-hati.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------